Bavaria & Austrian Tyrol

SEEFELD

Skopri l-ġmiel tal-Alpi Awstrijaċi u tal-Bavarja, fost lagi pittoreski, muntanji maestużi u kastelli mill-isbaħ.

GRUPP A **24–29 ta’ Mejju 2027**

GRUPP B **20–25 ta’ Settembru 2027**







L-Ewwel Jum – Bad Tölz • Seefeld

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fil-05:15 għat-titjira diretta KM306 tal-KM Malta Airlines lejn Munich. It-titjira titlaq fis-07:15 u tasal fid-09:45. Wara li niġbru l-bagalji, nitilqu bil-kowċ lejn Bad Tölz, belt tradizzjonali tal-Bavarja fuq ix-xmara Isar. Nimxu fiċ-ċentru storiku, fost djar b’faċċati mpittra, ħwienet u kafetteriji. Ikollna ħin liberu għall-ikel qabel inkomplu lejn Seefeld, fl-Awstrija. Mal-wasla fil-Hotel Das Kaltschmid (4★), issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Wara ċ-ċena, nagħmlu mixja mat-tour leader biex insiru midħla taċ-ċentru ta’ Seefeld.

It-Tieni Jum – Stubai Glacier • Neustift im Stubaital • Ambras Castle

Nibdew l-eskursjoni tagħna fil-qalba tal-Alpi tat-Tirol bi żjara fi Stubai Glacier. Nitilgħu bil-cable car u jkollna ħin liberu biex nieħdu ritratti u ngawdu l-veduti panoramiċi tal-muntanji. Fit-triq lura nieqfu f’Neustift im Stubaital, raħal imdawwar bil-muntanji, fejn ikollna ftit ħin liberu għal mixja fiċ-ċentru. Inkomplu lejn Ambras Castle, fil-periferija ta’ Innsbruck, magħruf għall-arkitettura Rinaxximentali tiegħu, is-swali eleganti u l-kollezzjonijiet ta’ arti u oġġetti storiċi. Ċena fil-hotel.

It-Tielet Jum – Il-Wied ta’ Ötztal • Oetz • Piburger See • Umhausen

Wara l-breakfast, nitilqu lejn il-Wied ta’ Ötztal, fost muntanji, foresti u rħula tal-Alpi. Nieqfu f’Oetz biex induru fiċ-ċentru tradizzjonali tiegħu. Minn Piburg nimxu lejn Piburger See, lag qalb il-foresti, fejn ikollna ħin biex ngawdu l-kwiet u nieħdu ritratti. Wara mmorru Umhausen u, skont il-kundizzjoni tal-mogħdija, nimxu sal-parti t’isfel tal-kaskata Stuibenfall. Din il-ġurnata tinvolvi aktar mixi fuq mogħdijiet naturali. Nirritornaw lejn il-hotel għaċ-ċena.

Bavaria & Austrian Tyrol

Ir-Raba' Jum – Innsbruck • Swarovski Crystal Worlds

Wara l-breakfast, nitilqu lejn Innsbruck, il-kapitali tat-Tirol. Induru fiċ-ċentru storiku, fejn naraw il-famuż Golden Roof (Goldenes Dachl), il-binjiet storiċi u l-pjazez tal-belt. Ikollna ħin liberu biex induru, nixtru xi tifkiriet jew nieħdu kafè. Inkomplu lejn Swarovski Crystal Worlds f'Wattens, fejn il-kristalli Swarovski huma l-qofol ta' wirjiet artistiċi, installazzjonijiet u ġonna. Ċena fil-hotel.

Il-Ħames Jum – Zugspitze • Garmisch-Partenkirchen • Mittenwald

Wara l-breakfast, nitilqu lejn Eibsee, minn fejn nitilgħu bil-cable car sal-quċċata ta' Zugspitze. B'għoli ta' 2,962 metru, hija l-ogħla muntanja fil-Ġermanja u minn fuqha ngawdu veduti panoramiċi tal-Alpi. Inkomplu lejn Garmisch-Partenkirchen, belt fil-qalba tal-Alpi tal-Bavarja magħrufa għad-djar tradizzjonali tagħha mżejna b'affreski kkuluriti. L-aħħar waqfa tkun f'Mittenwald, fejn ikollna ħin biex nimxu fiċ-ċentru storiku, naraw id-djar b'faċċati mpittra u ngħaddu minn ħdejn il-ħwienet tradizzjonali. Ċena fil-hotel.

Is-Sitt Jum – Ettal • Oberammergau

Wara l-breakfast, inħallu l-hotel u nitilqu lejn il-Bavarja. Nieqfu f'Ettal, magħruf għall-abbazija u l-knisja Barokka tagħha. Inżuru l-knisja jekk tkun miftuħa għall-viżitaturi. Inkomplu lejn Oberammergau, raħal magħruf għad-djar b'faċċati mpittra u għall-artiġjanat tal-injam. Ikollna ftit ħin liberu qabel nitilqu lejn l-ajruport ta' Munich għat-titjira KM308 tal-KM Malta Airlines, li titlaq fis-17:10 u tasal Malta fis-19:30.

Prezz skontat kull persuna

Eskursjonijiet, Half Board 4 course meal u taxxi tal-ajruport inklużi

Kamra għal tliet persuni	**€1,185**
Kamra għal żewġ persuni	**€1,195**
Kamra għal persuna waħda	**€1,550**
Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti	**€900**

Il-prezz jinkludi

- Titjiriet diretti bejn Malta u Munich mal-KM Malta Airlines
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 5 iljieli fil-Hotel Das Kaltschmid (4★), f'Seefeld
- Buffet breakfast kuljum
- Ċena kull filgħaxija fil-hotel – 4 course meal
- Taxxi tal-ajruport
- Tour leader
- Insolvency protection

Il-prezz ma jinkludix

- City tax
- Entraturi, cable cars, vjaġġi bid-dgħajsa, vjaġġi bil-ferrovija u spejjeż simili





Jista' jkun hemm tibdil żgħir fil-programm jew fl-ordni tal-eskursjonijiet minħabba ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.